# Santa Tereża ta' Ġesù

## *tikkummenta t-Talba tal-Missierna*

**minn P. Glen Attard, O.Carm.**

Fit-tieni nofs tat-*Triq tal-Perfezzjoni*, Santa Tereża ddur mill-ġdid fuq is-sorijiet ta' San Ġużepp, li lilhom qed tikteb dan it-trattat dwar it-talb, u b'lingwaġġ sempliċi għall-aħħar (li faċilment nistgħu ninterpretawh ħażin jekk ma nifhmux tassew ir-realtà profonda li qiegħda tispjega), permezz ta' pariri prattiċi spiritwali, u permezz tat-talb tagħha stess lit-"twajjeb Ġesù", tispjega frażi frażi it-talba għażiża tal-Missierna.

Qabel tibda tikkummenta l-Missierna fil-kapitlu 27, fil-kapitlu ta' qabel (26) il-Qaddisa tagħti xi pariri siewja dwar metodu li jistgħu jużaw is-sorijiet meta jkunu fil-kwiet waqt il-meditazzjoni tagħhom. Hija tirrakkomanda l-ewwel u qabel kollox l-eżami tal-kuxjenza u l-qrar. Kienet diġà kitbet fil-bidu tat-*Triq* li l-Mulej huwa "Alla tal-Ħniena", iddur fuqu u tkompli, "Ħares, Sinjur, li inti Alla tal-Ħniena, lil din il-midinba, dan id-dudu tal-art. Ħares, O Alla tiegħi, lejn ix-xewqat u d-dmugħ tiegħi li bihom qed nitolbok, u insa l-ħtijiet tiegħi, għall-ġieħ tiegħek stess, u ħenn għal tant erwieħ abbandunati, u idħol għall-Knisja tiegħek. Rażżan il-ħtijiet tiegħi, Mulej, u dawwal dawn id-dlamijiet" (3:9). Il-ħarsien ġewwieni, l-għarfien tagħna nfusna, huwa l-ewwel pass fundamentali għal Tereża. Mingħajr dan il-pass, mingħajr ma nagħrfu kemm verament għandna bżonn il-ħniena ta' Alla fil-ħajja tagħna, ma nistgħux inkomplu nimxu fil-ħajja tat-talb. F'dan, il-Qaddisa kienet influwenzata minn Santu Wistin li wara ħajja ta' xalar, iddedika ħajtu biex ifittex lil Alla meta fl-*Istqarrijiet* jistqarr, "qalbna ma ssibx mistrieħ jekk ma tistrieħx fik" (1:1-2). Sant'Injazju wkoll ipoġġi l-eżami tal-kuxjenza fil-bidu tal-*Eżerċizzi Spiritwali*. Waħda mill-istruzzjonijiet tal-Ewwel Ġimgħa hija fil-fatt li jsir kollokju li fih "[wieħed] jirrifletti fuq il-ħniena divina, jirringrazzja lis-Sinjur Alla tal-ħajja tiegħu, u jipproponi li jinbidel, filwaqt li l-kollokju jintemm bit-talba tal-Missierna" (nru 61).

Dan il-vjaġġ interjuri, li fih nagħrfu dejjem iżjed il-ħniena kbira ta' Alla fil-ħajja tagħna, skont kif Santa Tereża tissuġġerixxi fit-*Triq*, huwa l-klima spiritwali li fih il-Qaddisa titlob il-Missierna. "X'hemm aħjar mit-Talba tal-Imgħallem stess li jgħallimna nitolbu? Immaġinaw lill-istess Mulej magħkom, ħdejkom, u araw b'liema mħabba u umiltà qiegħed jgħallimkom" (26:1). Il-Qaddisa tinsab konvinta milli qed tgħid, u b'forza u insistenza ddur fuq is-sorijiet, "idraw hekk, idraw hekk" (26:2). Tkompli tgħid lis-sorijiet li fil-fatt mhux tant il-kliem li jgħodd, imma l-ħarsa fissa lejn il-Maħbub tar-ruħ tagħna. Tgħidilhom li mhux tant importanti li jaħsbu, lanqas li joħorġu b'kunċetti astratti fuqu, jew li jinħlew f'ħafna konsiderazzjonijiet mentali jew fl-immaġinazzjoni. Mis-sorijiet tagħha ma titlobx aktar milli sempliċiment ħarsa, "taraw tant oġġetti koroh, u l-isbaħ wieħed li qatt tistgħu timmaġinaw ma tħarsux lejh?" Ir-raġuni għal dan tiġi eżatt wara, "l-Għarus tagħkom qatt ma jaqla' l-ħarsa tiegħu minn fuqkom". Għal Tereża huwa ċar daqs il-kristall li l-kwalità tar-relazzjoni tagħna ma' Alla tiddependi fuq kemm nixtiquha, "issibuh skont kemm tixtiquh" tgħidilna (ara 26:3). Għalkemm il-Qaddisa tinsisti fuq l-importanza li nħarsu lejn min qed iħares lejna, fuq il-kwalità tal-imħabba tagħna lejn Alla li ssikket il-ħsibijiet, il-kliem, u l-għemil tagħna, hija konxja wkoll li, ta' umani li aħna, l-attenzjoni tagħna ma tantx twassal fit-tul. Għalhekk tirrikkmanda lis-sorijiet jużaw immaġini li lejha jistgħu jħarsu fit-tul, isammru l-ħarsa tagħhom fih, filwaqt li jiddjalogaw mal-Mulej (ara 26:9). Tereża nnifisha kella statwa ċkejkna tal-*Ecce Homo* fiċ-ċella tagħha.

Huwa permezz ta' din il-ħarsa tagħna msammra fuq l-Għarus tal-qalb tagħna, Alla tal-Ħniena, li skont Santa Tereża għandna nitolbu t-Talba tal-Missierna. It-talba fiha nnifisha fil-fatt tibda bil-kliem "Missierna li inti fis-smewwiet" li għall-Qaddisa jindika l-post (mhux fiżiku) fejn tassew niltaqgħu ma' Alla. Hija tikteb hekk: "Diġà nafu li Alla jinsab kullimkien. Ilkoll nafu li fejn jinsab ir-re, hemm jinsab il-palazz tiegħu. Fi kliem ieħor, fejn hemm Alla, hemm tinsab is-sema; fejn jinsab il-Maestà tiegħu, hemm huwa jinsab fil-glorja. Jgħidilna Santu Wistin li fittxu barra minnu nnifsu u ma sabux, u minflok sabu ġewwa fih. Ngħidilkom, tkellmu mal-Missier Etern li jinsab tant viċin tagħkom. Ma għandkomx bżonn ta' ġwienaħ biex tmorru tfittxuh, biżżejjed li tkunu weħidkom, idħlu fikom infuskom, u la tħallux waħdu lil mistieden hekk twajjeb. B'ħafna umiltà tkellmu mal-Mulej bħala missier, itolbuh bħala missier, irrakkontawlu dak li tgħaddu minnu, itolbuh l-għajnuna, ifhmu li ma jistħoqqilniex nissejħu wlied" (28:8; ara wkoll Lq 15:21). It-Talba tal-Missierna għall-Qaddisa mela mhijiex sempliċiment talba tal-fomm, imma l-fundament tal-għaqda definittiva tagħna ma' Alla. Alla ma jinsab qatt 'il bogħod minna anke jekk aħna ma nifhmux kif dan jista' jkun. Hemm fejn Alla, hemm tinsab il-ġenna, fil-qalba tal-qalb tagħna. Il-Missier jistenna lil ibnu jerġa' lura d-dar, maħfur, u ċċelebrat b'festa mill-aqwa. Dan huwa l-vjaġġ interjuri li Tereża tistedinna, anzi timbuttana biex nagħmlu: li nsiru nafu lilna nfusna, min verament aħna, ulied l-istess Missier li jgħix fis-sigriet ta' qalbna u jistenna li naslu għandu b'ħarsa fissa u determinazzjoni determinata.

Fl-aħħar nett, ir-ripetizzjoni insistenti bil-fomm tal-Missierna għandha twassal biex tirrifletti l-istat fir-ruħ tar-relazzjoni tagħna mal-Missier, it-twaħħid dejjem iktar viżibbli ma' Ġesù Kristu u xebh fil-konkret mal-virtujiet li hu jgħallimna. Hawn tinsab il-qalba tar-reliġjon Nisranija: li nsiru Kristu ieħor fuq l-art billi nitolbu, naħsbu, u naġixxu bħalu b'tali mod li bi grazzja divina l-ħajja ta' Kristu titkompla fil-ħajjiet tagħna hija u tibdel u ssaffi dak kollu li jtellifna minn dan. "Nixtieq kieku nkun naf ngħidilkom," tkompli l-Qaddisa, "kif il-kumpanija qaddisa ta' dak li jimxi magħna - il-Qaddis tal-Qaddisin, bla ma jfixkel milli nkunu weħidna mal-Maħbub - twassal lir-ruħ li tkun trid tidħol fil-ġenna ma' Alla u tagħlaq il-bieb tagħha għad-dinja. Ngħid 'trid' għaliex nifhem li din mhijiex ħaġa sopranaturali, hija x-xewqa umana tagħna u li aħna kapaċi għaliha bl-għajnuna t'Alla, li mingħajru ma nistgħu nagħmlu xejn" (29:4). Fil-fatt, jitqaddes l-Isem ta' Alla, fil-fehma ta' Santa Teri eża, meta mingħajr ma jixorbu mill-għajn, mingħajr ċaqliq ta' emozzjonijiet jew ħsibjiet, l-erwieħ magħqudin mal-Mulej jixbgħu mqar billi jtennu l-Isem Divin; jistħajluhom diġà jduqu mill-freskezza tal-ġenna, xejn ma jtaqqalhom, ix-xewqa għal Alla għalihom biżżejjed" (ara 31:3).

